**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Illum is-6 ta' Mejju 2022**

**Il-Pulizija**

**(Spt. Elliot Magro)**

**Vs**

**Emanuel Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' **Emanuel Borg** iben Joseph u Paola xebba Cilia imwieled Zebbug nhar il-15 ta' Marzu 1958 residenti gewwa 6, Triq K. Mifsud, Pieta' u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 260458M, akkuzat talli;

1. Fil-15 ta' Marzu 2020 ghal habta ta' 13:50hrs fl-inhawi tal-Fawwara, limiti ta' Siggiewi fi granet u l-hinijiet ta' qabel, ha jew ipprova jiehu xi ghasafar matul l-istagun maghluq ghal-insib ta' l-ghasafar u dan bi ksur tar-Reg. 18(1)(c), L.S. 549.42.
2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kien qed jikkaccja jew jipprova jikkaccja, jiehu jew jipprova jiehu b'kull mezz li jkun xi ghasfur kif permess skont id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti meta ma kienx fil-pussess ta' licenzja valida skont ma tapplika, mahruga mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi u ma ssodisfax il-kundizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f'kull ligi ohra, dan bi ksur ta' L.S. 549.42 Reg 12(1).

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga that ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Semghet ix-xhieda;

Rat id-dokumenti esebieti;

Semghet is-sottomissjonijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-qua imputat, l-prosekuzzjoni ressqet affidavit ta' PS1030 Clint Thuema; x-xhieda ta' Fiona Burrows (CABS) u Thomas Borg (WBRU). Id-difiza min-naha taghha ghamlet il-kontro-ezami ta' PS1030 Clint Thuema u ghazlet li ma tressaqx provi ohra.

Illi l-fatti jirrisalu lura ghall-15 ta' Marzu 2020 fejn il-membri tal-CABS innotaw mansab attiv bl-ixbieki u mdawwar bl-ghasafar. Burrows tghid ukoll li hija seghtet tosserva persuna fid-dura. Wara saghtejn tosserva s-sit hija setghet tinnota ragel hiereg minn god-dura li beda jigbor l-ghasafar minn madwar il-mansab, dahalhom f'baskett u telaq minn fuq is-sit in kwistjoni. Hija tispjega li x-xbieki halliehom hemm. Tghid ukoll li hija rnexxielha tosserva n-*number plate* tal-vettura li dahal go fiha l-allegat nassab – BCP941. Hija kkonfermat il-filmat li gie pprezentat fl-atti processwali mill-prosekuzzjoni kif ukoll ikkonfermat lill-imputat bhala dak il-persuna li hija osservat jonsob. Ir-rapprezentant tal-WBRU min-naha tieghu jikkonferma li l-qua imputat kellu licenzja generali ghall-kacca fuq l-art u ghall-insib tal-ghasafar. Madanakollu fil-14 ta' Marzu 2020 l-istagun kemm ghall-kacca kif ukoll ghall-insib kien maghluq. Konsegwetament il-qua imputat ma kienx fil-pussess ta' licenzja specjali la ghall-insib u lanqas ghall-kacca fid-data mertu tal-imputazzjonijiet odjerni. Illi mill-investigazzjonijiet maghmula mill-pulizija huma identifikaw lill-qua imputat li gie mghajjat il-kwartieri generali tal-Pulizija ghall-iktar investigazzjonijiet. Wara li rrifjuta d-dritt ghall-assistenza legali u ffirma dikjarazzjoni in sostenn ta' dan u huwa qal li ma jiftakarx jekk dakinhar kienx qed jonsob jew le. Huwa ddikjara ukoll li dik il-vettura kien juzaha huwa biss.

Illi minn analizi tal-filmat jirrizulta car li l-persuna li kien fuq l-imsemmi mansab kien qieghed hemm ghall-insib. Il-mansab kien wiehed attiv armat anke b'numru ta' ghasafar fil-gabjetti, bin-nassab in kwistjoni gewwa d-dura fejn kien ferm attent ghal dak li qed jigri fil-mansab fuq tul ta' hin. Ghaldaqstant l-attivita' tal-insib tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi u l-unika kwistjoni rimanenti tkun dik tal-identifikazzjoni tal-qua imputat bhala dak il-persuna fuq il-mansab dakinhar.

Illi minn analizi tal-filmat jirrizulta car li ghalkemm il-filmat kien wiehed estensiv, in-nassab in kwistjoni kien libes *baseball cap* u konsegwentament il-maggor parti ta' wiccu kien mohbi. Di piu' mill-istess filmat jirrizulta li l-istess nassab rari jhares dritt lejn il-camera li kienet qed tigbed il-filmat u jirrizulta

ukoll li l-filmat f'istanzi minnhom ma huwiex car bizzejjed biex persuna tigi identifikata. Huwa minnu li x-xhud Fiona Burrows gharfet lill-imputat fl-awla bhala n-nassab in kwistjoni u li dina l-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju mill-verzjoni mghotija mix-xhud Fiona Burrows. Mandanakollu fic-cirkostanzi hawn fuq imsemmija dina l-Qorti ma thossx li l-identifikazzjoni maghmula tilhaq il-grad tal-prova rikjest mill-ligi ta' lil hinn minn kull dubbju ragonevoli.

Illi fid-dawl ta' dak suespost, l-unika prova li tirrizulta mill-atti li tista' tghin sabiex tiddentifika lin-nassab in kwistjoni hija l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BCP941, li kienet qed tigi utilizzata mill-imsemmi nassab. Rapprezentant ta' Transport Malta sabiex jixhed dwar ir-registrazzjoni ta' din il-vettura ma tressaq qatt sabiex jiddeponi fil-proceduri odjerni. Madanakollu wara li nghata d-drittijiet tieghu inkluz id-dritt tal-avukat liema dritt huwa rrifjuta u ffirma dikjarazzjoni in sostenn ta' dan, skond l-affidavit tas-Surgent Theuma, l-imputat stqarr mal-pulizija li ghalkemm ma jiftakarx jekk kienx qed jonsob dakinhar, dik il-vettura jaghmel uzu minnha huwa biss. In kontro-ezami meta mistoqsi mill-abbli difensur, is-Surgent Theuma kkonferma li l-imputat qallu li ma jiftakarx jekk kienx mar jonsob dakinhar minghajr ma ghamel referenza ghal dak li qal l-imputat fuq il-vettura. Madanakollu l-fatt li s-Surgent Theuma ma regghax irrepetta dak li kiteb fl-affidavit ma jfissirx li dak id-diskors mhux vera ntqal mill-imputat. Fil-fatt waqt il-kontro-ezami stess l-istess Surgent qal li ghada ftit zmien u kellu bzonn jiccekja qabel xi wiegeb domandi. Ghaldaqstant jista' jkun li dan id-dettal thalla barra mix-xhieda tieghu viva voce fid-dawl tat-trapass taz-zmien. Din l-Qorti ma ghandhiex ghalxiex tiddubita minn dak li qal is-surgent Theuma fl-affidavit tieghu dwar dak li stqarr lilu l-imputat. Huwa evidenti li s-Sur Theuma kien preciz ferm fi kliemu meta gie biex jirriproduci dak li qallu l-imputat.

Madanakollu mill-kontro-ezami tal-istess Surgent Theuma jirrizulta li waqt li huwa kien qed jiehu l-verzjoni tal-imputat, l-istess surgent nizel il-verzjoni mghotija lilu bil-miktub f'rapport.

| | |
|---|---|
| *Difiza:* | *… Hadt xi prime note tal-interrogazzjoni?* |
| *Xhud:* | *Ahna r-rapport. Kelli l-kompjuter mixghul dak il-hin u ndahhal fir-rapport.* |
| *Difiza:* | *Jigifieri quddiemu dahhalt ir-rapport int.* |
| *Xhud:* | *Ezatt. Ikun hemm il-kompjuter, jien nibghat ghalih l-ufficju, jpoggi bilqieghda hdejja u nitkellmu flimkien dak il-hin…* |

L-artikoli 658 u 659 tal-Kodici Kriminali jipprovdu:

*658. Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, kemm bil-miktub, b'mezzi awdjoviżwali jew b'mezzi oħra, tista' tittieħed bi prova kontra jew favur min, skont kif ikun il-każ, ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.*

*659. (1) Fejn mhuwiex possibbli li tiġi rrekordjata konfessjoni b'mezzi awdjoviżwali skont l-artikolu 355AUA(8)(e), meta lkonfessjoni titniżżel bil-miktub fil-waqt li tiġi magħmula, il-kitba għandha tiġi ppreżentata; u biss jekk jiġi ppruvat li l-kitba ġiet meqruda jew mitlufa, tista' minflok, issir il-prova bil-fomm, sabiex tiġi ppruvata s-sustanza ta' dik il-konfessjoni.*

*(2) Xejn f'dan l-artikolu ma jimpedixxi li tittieħed bħala prova kull konfessjoni oħra bil-fomm li tkun saret qabel jew wara.* (emfazi ta' din il-Qorti)

Fid-dawl ta' dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi, ghalkemm konfessjoni bil-fomm hija wahda permissibli u ammissibli skond il-ligi Maltija, galadarba in kontro-ezami s-Surgent Theuma kkonferma li huwa nizel il-verzjoni tal-imputat fir-rapport u ghaldaqstant bil-miktub, dak ir-rapport ai termini tal-artikolu 659 tal-Kodici Kriminali kellu necessarjament jigi pprezentat sabiex jigi kkonfermat is-sustanza ta' dak li stqarr il-qua imputat. Dan ma sarx. Ghaldaqstant dina l-Qorti ma tistax tistrieh unikament fuq dak li l-imputat gie rraportat li qal lis-Surgent Theuma skond l-affidavit tieghu bhala prova tal-konenut tal-istess dikjarazzjoni u cioe' li huwa l-imputat biss li jaghmel uzu mill-vettura BCP941 u cioe' l-vettura uzata min-nassab fil-filmat.

Fin-nuqqas ta' dina d-dikjarazzjoni u cioe' dikjarazzjoni tal-imputat *li dik il-vettura juzaha huwa biss*, dina l-Qorti hija kompletament sprovista mill-prova tal-identifikazzjoni tal-qua imputat bhala l-persuna indikata fil-filmat bhala n-nassab.

**Decide:**

Ghaldaqstant dina l-Qorti qed issib lill-qua imputat Emanuel Borg mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tilliberah mill-istess.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur